EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2018/0381/LT (Lithuania)

Abbozz ta’ Ordni tal-Ministru għas-Saħħa tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-emenda tal-Ordni Nru 5 tal-Ministru għas-Saħħa tar-Repubblika tal-Litwanja tas-6 ta’ Jannar 2000 li tadotta l-listi ta’ drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

Data tal-wasla : 26/07/2018
Tmiem tal-Waqfien : 29/10/2018 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2018) 02087
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2018/0381/LT

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma’ jiftaħx il-perijodi ta’ dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201802087.MT)
1. MSG 002 IND 2018 0381 LT MT 26-07-2018 LT NOTIF

2. LT

3A. Lietuvos standartizacijos departamentas
Algirdo g. 31, LT- 03219 Vilnius
Tel. +370 (5) 270 9358
Elektroninis paštas dir9834@lsd.lt

3B. Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija
Vilniaus g. 33, LT- 01506 Vilnius
Tel. +370 (5) 266 14 02, faks. +370 (5) 266 14 02
Elektroninis paštas ministerija@sam.lt

4. 2018/0381/LT - C00C

5. Abbozz ta’ Ordni tal-Ministru għas-Saħħa tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-emenda tal-Ordni Nru 5 tal-Ministru għas-Saħħa tar-Repubblika tal-Litwanja tas-6 ta’ Jannar 2000 li tadotta l-listi ta’ drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

6. B’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru XIII-1161 tar-Repubblika tal-Litwanja li temenda l-Artikoli 1, 2, 3, 4 u 103, li temenda u tagħmel rinumerazzjoni tal-Artikolu 211 tal-Liġi Nru VIII-602 dwar il-kontroll tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi, u li żżid mal-Artikolu 61(4)(1) (minn hawn ’il quddiem “Liġi Nru XIII-1161”) adottat mis-Seimas (il-Parlament tal-Litwanja) tar-Repubblika tal-Litwanja fis-17 ta’ Mejju 2018, miżuri ta’ restrizzjoni tas-suq għandhom jiddaħħlu fir-rigward ta’ żewġ sustanzi kimiċi flimkien mal-proposta sabiex jiġu inklużi mal-Lista IV tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi

psikotropiċi adottata riċentement. L-abbozz jipproponi l-inklużjoni ta' 1,4–Butanediol (1,4–BD) u gamma-Butirolakton (GBL) fil-Lista IV.

7. -

8. Il-Liġi Nru XIII-1161 tar-Repubblika tal-Litwanja li temenda l-Artikoli 1, 2, 3, 4 u 103, li temenda u tagħmel rinumerazzjoni tal-Artikolu 211 tal-Liġi Nru VIII-602 dwar il-kontroll tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi, u li żżid mal-Lista IV tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi stabbilita mill-Artikolu 61(4)(1) li għandha tinkludi d-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi li jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' kura tas-saħħa u/jew għal skopijiet tal-industrija li mhumiex marbuta mal-prodotti farmaċewtiċi, iżda li huma ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-effetti dannużi tagħhom meta jiġu abbużati. L-abbozz ta' Ordni tal-Ministru għas-Saħħa tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-emenda tal-Ordni Nru 5 tal-Ministru għas-Saħħa tar-Repubblika tal-Litwanja tas-6 ta' Jannar 2000 li tadotta l-listi ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi inklużi tali sustanzi bħal gamma-Butirolakton (GBL) u 1,4–Butanediol (1,4 BD) fil-Lista IV intitolata "Drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi permessi għall-użu għal skopijiet mediċi u/jew għal skopijiet tal-industrija li mhumiex marbuta mal-prodotti farmaċewtiċi" li qed tiġi fformulata attwalment. Dawn is-sustanzi qed jintużaw fl-industrija tal-kimika imma qed jiġu abbużati wkoll għal skopijiet ta' intossikazzjoni. Il-Litwanja saret pajjiż ta' tranżitu għal dawn is-sustanzi minħabba l-fatt li, sa issa, ma kienx għad hemm miżuri ta' restrizzjoni tas-suq introdotti għalihom. L-inklużjoni ta' GBL u 1,4 BD fil-Lista IV ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi kkontrollati tkun tfisser li l-attivitajiet li jinvolvu dawn is-sustanzi jkunu awtorizzati biss għal dawk l-entitajiet legali li kisbu permess mingħand id-Dipartiment tal-Kontroll tad-Droga, it-Tabakk u l-Alkoħol għal attivitajiet bis-sustanzi tal-Lista IV li huma konformi mar-rekwiżiti tal-Liġi dwar il-kontroll tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi.

9. S'issa, il-Litwanja ma applikat l-ebda restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti sustanzi, eż. gamma-Butirolakton (GBL) u 1,4-Butanediol (1,4 BD). Il-miżuri li jirregolaw attivitajiet li jinvolvu tali sustanzi kimiċi u t-tqegħid fis-suq tagħhom mhumiex biżżejjed biex jiżguraw li ma jintużawx għall-intossikazzjoni. Dawn is-sustanzi huma mmonitorjati bħala sustanzi użati għall-intossikazzjoni u li jikkawżaw problemi serji tas-saħħa. Ir-rapport taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga jiddikjara li l-GBL tinsab fir-raba' post fost 10 sustanzi psikoattivi li rriżultaw f'każijiet ta' avvelenament serju u li kienu jeħtieġu trattament fl-isptar b'emerġenza. Ir-rapport jiddikjara wkoll li n-numru ta' każijiet ta' avvelenament assoċjati mal-GBL żdied. Skont l-informazzjoni disponibbli, 80 000 kg ta' GBL ġew ikkonsenjati f'kunsinni żgħar mil-Litwanja fl-2016. Ta' min jinnota li l-GBL qed tiġi akkwistata l-aktar minn persuni fiżiċi li x'aktarx jużaw din is-sustanza għall-intossikazzjoni u jqassmuha lil utenti oħrajn.

10. Sabiex jiġi ristrett il-bejgħ jew l-użu ta' sustanzi kimiċi, preparazzjonijiet jew prodotti
Referenza/i għat-test(i) bażiku/bażiċi:
https://e-seimas.lrs.lt/portal/legalAct/lt/TAP/76d3462185c111e8aa33fe8f0fea665f?positionInSearchResults=5&searchModelUUID=2c274de1-9b6f-498a-93f4-8b3383d79fdc

https://e-seimas.lrs.lt/portal/legalAct/lt/TAD/b45712825e5011e896f6c1bcca8cd3a8?positionInSearchResults=0&searchModelUUID=c63044c3-15be-4394-b29c-e4c1af95b4d1

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspett OTK

Le - l-abbozz mhuwiex regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

Le - l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le - l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Le – l-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

****
Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535
Fax: +32 229 98043
email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu